

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2008 —  
Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta'  
Spanja**

(Kawża C-502/08)

(2009/C 6/28)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Dejmek u E. Adsera Ribera, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja

**Talbiet**

— tiddikjara li, billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/60/KE <sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, jew f'kull każ, billi ma kkomunikax dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 45 ta' din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/60/KE fis-sistema legali interna skada fil-15 ta' Diċembru 2007.

<sup>(1)</sup> ĠU L 309, p. 15.

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2008 —  
Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta'  
Spanja**

(Kawża C-503/08)

(2009/C 6/29)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Dejmek u E. Adsera Ribera, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja

**Talbiet**

— tiddikjara li, billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/56/KE <sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-

Kunsill, dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 19 ta' din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/56/KE fis-sistema legali interna skada fil-15 ta' Diċembru 2007.

<sup>(1)</sup> ĠU L 310, p. 1.

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2008 —  
Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta'  
Spanja**

(Kawża C-504/08)

(2009/C 6/30)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Dejmek u E. Adsera Ribera, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja

**Talbiet**

— tiddikjara li, billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE <sup>(1)</sup> tal-1 ta' Awwissu 2006, dwar miżuri ta' implementazzjoni tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-"persuni politikament esposti" u l-kundizzjonijiet tekniċi tal-applikazzjoni ta' obbligi ssemplifikati ta' viġilanza fir-rigward tal-klijentela kif ukoll tal-eżenzjoni minħabba attività finanzjarja eżerċitata okkażjonalment jew fuq livell limitat ħafna, jew, f'kull każ, billi ma kkomunikax dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2006/70/KE fis-sistema legali interna skada fil-15 ta' Diċembru 2007.

<sup>(1)</sup> ĠU L 214, p. 29.